**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Vella]**

**vs**

**Silviu Mirica**

**Kumpilazzjoni Numru: 109/17**

**Illum, 10 ta' Lulju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Silviu Mirica detentur tal-karta tal-identita' Rumena bin-numru 1830129375491 fejn gie akkuzat talli fl-04 ta' Marzu 2017, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati Kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, appartjena ghal ghaqda msemmijja fis-Subartikolu [1] ta' Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, f'Malta assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

**Akkuzat ukoll** talli fl-04 ta' Marzu 2017, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

4. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn hamest elef Euro (€5000) ghad-dannu tal-kumpanija Bank of Valletta Limited, APS Bank Limited, u HSBC Bank plc.

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn kull att, kitba jew skrittura falza hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

**Akkuzat ukoll** talli fl-04 ta' Marzu 2017, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

7. minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

8. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, uza l-kodici ta' dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer* jew b'xi mod kiser kwalunkwe mizura ta' sigurta sabiex jakkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A [2] tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba, sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbilitu mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017) fejn huwa elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe:-

1) Fl-artikoli 18, 83A(1) u 83A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Fl-artikoli 18, 83A(1), 83A(2) u 83A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Fl-artikolu 18 u 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Fl-artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Fl-artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Fl-artikoli 18 u 337C(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) Fl-artikoli 18 u 337C(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti fosthom dawk tal-esperti nominati f'dawn il-proceduri kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Illi jinghad illi l-imputat qed jiffaccja akkuzi ta' konkors f'organizazzjoni aktar wieghsa ta' nies sabiex jippromwovu l-klonagg illegali ta' *"credit cards"* sabiex b'dan il-mod jittiehed kontanti mill-magni li jaghtu l-flus u li jappartjenu lill-banek rispettivi. Dawn il-flus kienu qeghdin jittiehdu direttament minn kontijiet ta' klijenti tal-bank li f'dan il-kaz il-bank affettwat kien il-Bank of Valletta;

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll li permezz ta' dan iffroda l-istess bank is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) kif ukoll akkuzi taht il-Kapitolu 399 tal-Kodici Kriminali;

Illi a rigward l-ewwel tliet (3) akkuzi u cioe' dwar l-assocjazzjoni tal-imputat ma' persuni ohra bil-ghan li jitwettqu reati jinghad illi f'dawn il-proceduri ma ngabitx l-ebda prova ta' dan. Kull ma hareg mir-rapporti tal-esperti nominati kien numru ta' ritratti tal-imputat jigbed minn ATM varji fejn ghal dawn anke l-imputat ammetta li kien qed jaghmel hekk illegalment u dan wara li xtara minghand terzi *cards* ikklonati. Illi ma ngabitx prova per ezempju ta' xi kontijiet bankarji f'isem xi organizzazzjoni li l-imputat seta' kien jifforma parti jew altrimenti prova ta' xi kont bankarju tieghu li juri dhul u hrug ta' flus b'mod suspettuz. Ma ngabitx l-anqas per ezempju prova li dawn it-terzi persuni

jezistux anke permezz ta' skambjar ta' messaggi jew telefonati jew b'xi mezz ta' telekomunikazzjoni ohrajn.

Hawnhekk qed issir referenza ghall-kliem testwali tal-ewwel zewg subartikoli tal-artikolu 83A li jghid:

> *"(1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar, jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlieta sa seba' snin.*
>
> *(2) Kull min ikun jappartjeni għall-għaqda msemmija fis-*subartikolu *(1) jista' għal dak il-fatt biss jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa ħames snin." Issa, is-subartikolu (5) ta' l-*artikolu 83A *jipprovdi: "L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta'* dan l-artikolu *tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta."*

B'dan is-subartikolu, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin qed tigi estiza ghal tali ghaqda mwaqqfa Malta li jkollha bazi jew li tmexxi l-attivitajiet kriminali taghha barra minn Malta (ara App. Nru. 537/14 DS - Il-Pulizija v. Fabio Zulian).

Illi ghaldaqstant jirrizulta b'mod car mid-dicitura ta' dan l-Artikolu li l-imputat qatt ma jista' jigi jkun ikkundannat li huwa jifforma jew li ppromwova ghaqda bil-ghan li twettaq reat jew reati. Dan qed jinghad ghaliex kif anke nghad hawn fuq, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li tikkorrabora t-tezi taghha rigward l-ewwel tliet akkuzi u dan ghaliex skont gurisprudenza nostrana u

kostanti l-Qorti tal-Appell Kriminali fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni (ara mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Peter Ebejer, deciza 5/12/1997)***. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni *proof beyond a reasonable doubt* u nghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi l-imputat huwa rinfaccjat ukoll bl-akkuza ta' frodi taht l-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a dannu tal-Bank of Valletta u ghall-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000).

Illi skont gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:

1. Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.

2. Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.
3. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min: a) b'mezzi kontra l-ligi, jew b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew c) ta' kwalifiki foloz jew d) billi jinqeda b'qerq iehor u e) ingann jew f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, g) jew ta' hila; h) setgha fuq haddiehor jew i) ta' krediti immaginarji jew j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi (ara **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, Qorti tal-Appelli Kriminali).

Dwar l-artifizzji ntqal mill-istess Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell" articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kkwotata hawn fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi: *"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li: *"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi ghalhekk huwa car li f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda raggiri jew artifizzji u l-anqas biss ma kien hemm inkontri bejn l-element attiv tar-reat (imputat) u l-element passiv tar-reat (bank jew il-klijent) u ghalhekk qatt ma jista' jkun hemm ir-reat ta' frodi. B'dan pero' ma jistax jinghad li l-*modus operandi* ma jaqax taht provvedimenti ohra tal-Kapitolu 9 jew ta' xi ligi ohra kif ser jinghad aktar il-quddiem.

Illi kif diga' nghad hawn fuq l-imputat intwera mir-rapporti esebiti, li kien qed jaghmel uzu minn diversi magni li jaghtu l-flus li jappartjenu banek madwar Malta f'diversi okkazzjonijiet li dawn jikkoncidu mad-dati tal-akkuzi. Illi f'xi okkazzjoni wahda jew tnejn jidher hdejn persuna ohra maskili li ma tantx jintaghraf. Illi dan kollu gie kkorroborat mill-imputat stess mill-bidu tal-proceduri fl-istqarrija tieghu li giet moghtija b'mod volontarju u wara li nghata d-drittijiet tieghu skont il-ligi kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti.

Huwa minn dejjem ammetta l-fatt li xtara numru ta' *cards* u b'mod illegali uzahom f'diversi ATMs sabiex jigbed flus appartjenenti lil diversi klijenti tal-Bank of Valletta. Huwa jghid illi xi zewg *cards* ma hadmux u ghalhekk remihom izda bl-ohrajn gibed xi somom minnhom li kollha jiffiguraw mix-xhieda ta' Alexander Miruzzi li huwa l-kap tas-sigurta' tal-istess bank fix-xhieda tieghu datata ghoxrin (20) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) u fejn esebixxa numru ta' dokumenti mmarkati Dok. AM1 sa AM15.

Illi ghalhekk l-akkuzi hamsa (5) sa tmienja (8) gew ampjament ippruvati u ghandu jinstab hati taghhom. Illi a rigward piena jinghad illi gialadarba dawn ir-reati setghu jkollhom effetti katastrofici lill-bank milqut fejn jekk kienu jitkomplew seta' kien ikun hemm kollass tal-istess bank, il-piena ser tirrifletti dan il-fatt u ghalhekk ser tinghata piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 184, 189, 337C (1)(f) u (i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Silviu Mirica hati biss tal-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal tnejn u ghoxrin xahar (22) filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

Il-Qorti tordna wkoll a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 li l-imputat Silviu Mirica jhallas is-somma ta' erbat elef, tliet mija u sitta u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€4,376.15) rapprezentanti spejjez peritali f'dawn il-proceduri fi zmien sena mil-llum.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti kollha maqbuda f'dawn il-proceduri.

**Ft/ Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**